TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maria Spiteri

Vs

Blueline Ltd – Halmann Showroom

CCT 104/20/MM

Illum, 15 ta' Marzu 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprežentat nhar it-13 ta' Awwissu 2020 fejn talbet is-somma ta' tliet mija u sittax-il Ewro (€ 316), rappreżentanti prezz ta' kaxxi ta' madum li r-rikorrenti ssostni li ġew ordnati żejda min-naħa tal-konvenuti u dan wara li l-istess ħadu l-miżuri meħtieġa.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata datata l-1 ta' Ottubru 2020 sosstni li kien biss meta r-rikorrenti rrealizzat li ser ikollha materjal żejjed li hi riedet tirritorna parti mill-madum ordnat. Illi l-kuntratt ta' bejgħ ta' oġġetti mobbli jiġi pperfezzjonat meta jkun hemm qbil dwar l-oġġett tal-bejgħ u l-prezz. Ir-rikorrenti ma tistax tħassar in parte kuntratt ta' bejgħ validament kunkluż.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrenti kienet ordnat madum mis-soċjeta' intimata. Dan għamiltu billi hija ppreżentat pjanta tal-proprjeta' in kwistjoni lill-intimati u dan ordnaw l-ammont ta' madum rikjest skont kif dehrilhom l-aħjar huma.

Illi l-pern tal-kwistjoni kollha bejn il-partijiet tirrigwarda jekk min-naħa tal-intimata kienx hemm żball u għalhekkżejjed fl-ordni tal-madum li ta' dan kellha tbgħati r-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti tisħaq li wara li tqiegħed il-madum u saħansitra l-iskirting, hija spiċċat b'disgħa kaxxi żejda b'żewġ madumit il-waħda. Hija ċertament tisħaq li dan kien żball min-naħa tal-intimati li wara li ġew forniti bi pjanta tal-proprjeta' hija ħalliet f'idejhom għal kemm kien jinħtieġ madum. Hija tisħaq li bi pjanta simili ħuha ma kienx ġie rinfaċċjat bl-istess problemi. Hija ssemmi wkoll kwistjoni li nqagħlet bejnha u s-soċjeta' intimata fejn hija xtaqet li tirritorna ħamsa minn dawn il-kaxxi u flok tieħu mera (u żżid fuqha) mingħand l-istess soċjeta'.

Illi fix-xhieda tagħhom, Raymond Vella, u ċioe r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata jispjega li huma u r-rikorrenti kienu waslu għal kompromess u dan kif jindika Dok RV 3 iżda ħesrem, ir-rikorrenti rrikorriet għas-*social media* kif indikat f'Dok RV 4.

Illi l-intimataxorta waħda sostni li l-materjal żejjed mhux biss setgħa kien minħabba avarija bejn il-pjanta u l-bini oriġinali iżda saħansitra ma kienx jeċċedddi l-10% li hi prassi fl-industija li jiġi ordnat dan sabiex ikopri ksur u ġonot.

Ikkunsidra

Illi tajjeb li jiġi rilevat li dan it-Tribunal huwa kompletament sajjem minn kwalunwe prova li ssostni r-rikorrenti fejn jirrigwarda kemm suppost kellu jiġi ordnat madum kif allegatament ġara fl-ordni ta' ħuha li ma kienetx milquta mill-istess problemi. Wieħed kien jistenna li f'każ identiku għal dak tagħha, meta jirriżulta li l-proprjetajiet huma sovrastanti għal xulxin, l-ordni li saret minn ħu r-rikorrenti kienet ferm tagħti dawl fuq il-kwistjoni.

Illi iktar minn hekk tajjeb jingħad li l-ammont addizzjonali ta' madum żejjed li ma kienx jammonta għal iktar minn 10% qiegħed hemm proprju għall-kontiġenzi u għalhekk dan it-Tribunal ma jħossx li kien hemm ordni żejda iktar minn dak raġonevoli. Illi ma' dan jispikka n-nuqqas tar-rikorrenti li ġġib waħda mill-aħjar provi u ċioe l-persuna li qegħdet il-madum sabiex jikkonferma l-prattika tajba kif inhi fir-rigward ta' kemm għandu jiġi ordnat madum, speċjalment fid-dawl tat-tip, xogħol u għamla ta' dan il-madum.

Illi oltre, tajjeb jiġi nnutat li dan kollu kellu jitqajjem fil-preċiż mument meta r-rikorrenti ġiet infurmata kemm madum kien ser jiġi kkonsenjat lilha u mhux proprju wara li tqiegħed. Dan jingħad anki fid-dawl tal-fatt li l-bejgħ jiġi konkluż u pperfezzjonat mal-qbil.

Ma' dan kollu wieħed ma jistgħax jinnota n-nuqqas ta' interess fil-kawża min-naħa tar-rikkorenti, li ma attendietx għas-seduta fil-provi tas-soċjeta' intimata u wisq inqas ikkonduċiet xi kontro-eżami f'dan ir-rigward.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti f'intier tagħhom.

Bl-ispejjeż konta r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru